11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 7 – L-ERBGĦA, 11 TA' DIĊEMBRU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 7.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

7.1.1 Ma kienx hemm.

## 7.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

7.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (7) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

7.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 7.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

7.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li lill-preżenti li kellu laqgħa mac-CEO Karl Cilia, l-Engineer Stefan Riolo u s-Sur Anthony Tanti min-naħa tal-WSC dwar l-issues rikorrenti ta' Triq Ġeronimo Abos fejn ta' spiss ikun hemm żbroff ta' drenaġġ fit-triq b'inkonvenjent kbir għar-residenti li jirrisiedu f'din it-triq. Din il-laqgħa nżammet nhar id-9 ta' Diċembru. Min-naħa tal-WSC ikkonfermaw li hemm *commitment* min-naħa tal-WSC biex jindirizzaw din l-*issue*. Fil-fatt hemm il-ħsieb li l-infrastruttura l-ġdida tiġi ddevjata lejn Triq San Mikiel L-Iklin.

Is-Sindku informa li f'Jannar 2025, l-Aġenzija IM se tkun qed tibda xogħlijiet biex ittejjeb l-infrastruttura ta' Triq il-Klin u staqsa jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tikkunsidrax li tlaqqa x-xogħlijiet. Da parte tal-Korporazzjoni, se jkunu qed jitkellmu internament dwar din l-opzjoni.

Rigward it-tappieri difettużi fi Triq Ġeronimo Abos, is-Sindku reġa talab biex dawn il-*complaints* jiġu ndirizzati minnufih u l-manhole covers jiġu *reinstated*. Il-Korporazzjoni tat il-kelma li dawn se tarahom fil-jiem li ġejjin.

Fl-aħħarnett, is-Sindku għamel ukoll rimarka dwar it-tappieri tal-WSC fi Triq il-Wied fejn informa li kull tant żmien, ir-residenti jilmentaw minħabba l-ħsejjes li jiġġeneraw kull darba li vettura tgħaddi minn fuq dawn l-imsemmija tappieri. Il-Korporazzjoni ikkonfermat li l-materjal tat-tappieri huma ta' kwalità inferjuri però d-diskussjoni waqfet hemm. Is-Sindku qal li fil-bidu ta' Triq il-Wied, hemm Boutique Tourism li jkollha ħafna ilmenti mir-residenti tagħha dwar l-imsemmija ħsejjes. Ir-residenti li jirrisiedu fi Triq il-Wied jirrapurtaw kontinwament mall-Kunsill dwar dawn it-tappieri fejn qed ikunu ta' inkonvenjent kbir, diffikultà rikorrenti li għad ma ġietx solvuta.

## 7.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

7.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-6 ta' Novembru u d-9 ta' Diċembru 2024 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (6 ta' Novembru - 9 ta' Diċembru 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 379 | 06/11/2024 | Manhole maqluba quddiem ir-Razzett L-Aħmar fi Triq Wied | Settled | Triq Wied | **WSC** |
| 380 | 08/11/2024 | Talba biex faċċata tad-drive in 'St Rita', Triq Stefano Erardi ma ssirx kaxxa tal-parking għax ma' jikkwartjawx | pending | Triq Stefano Erardi | **Infrastructure Malta** |
| 381 | 11/11/2024 | Ilment li hemm (4) familji fi Triq Anton Buttigieg qed ikollhom overflow ta' drenaġġ fid-djar tagħhom minhabba sadd fil-main | settled | Triq Anton Buttigieg | **WSC** |
| 382 | 11/11/2024 | Manhole tħabbat quddiem 97 Triq Wied | Sent | Triq Wied | **Infrastructure Malta** |
| 383 | 11/11/2024 | Ġabet il-borża tal-cleansing quddiem il-Kunsill għax tħalliet quddiemha Triq G Abos | closed | Triq G Abos | **CSD** |
| 384 | 07/11/2024 | Biex titwaħħal 'one way' sign fi Triq S Erardi c/w Triq Ċ Bugeja kif kienet qabel | settled | Triq S Erardi c/w Triq Ċ Bugeja | **Infrastructure Malta** |
| 385 | 14/11/2024 | Hemm tappiera tad-drenaġġ tħabbat u t-tarmak ta' madwarha nieżel fi Triq Ċ Busuttil | pending | Triq Ċensu Busuttil | **W.S.C** |
| 386 | 18/11/2024 | Manhole thabbat quddiem 152 Triq Wied | pending | Triq Wied | **Infrastructure** |
| 387 | 15/11/2024 | Ilment li The Model shop hareg fuq il bankina bir-rampa Triq G Abos | closed | 48, Triq G Abos | **Council** |
| 388 | 18/11/2024 | Ilment li hemm xi barranin minn blokka fi Triq E S Inglott qeghdin jarmu z-zibel fl-ghalqa ta P Grech | pending | 15 Triq P Grech | **Council** |
| 389 | 18/11/2024 | Talba għal refresh of road markings in Triq Richard Taylor, centre line. | pending | Triq Richard Taylor | **Council** |
| 390 | 19/11/2024 | To remove the sign on pole so that the resident can build the wall after the accident Triq Dun Karm c/w Triq C Busuttil | settled | Triq C Busuttil | **Council** |
| 391 | 19/11/2024 | Hemm parti bla ħitan u taħt hemm għalqa fonda fi Triq il-Ħwawar | pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 392 | 20/11/2024 | Leakage f'nofs Triq Dun Karm fejn Lotto Office | Settled | Triq Dun Karm | **WSC** |
| 393 | 20/11/2024 | Cover ta stop cock miksur quddiem 23 Triq May Butcher | pending | Triq May Butcher | **WSC** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 394 | 20/11/2024 | Talba għal speed hump fi Triq P P Saydon c/w Trejqet Rumanzieri minħabba speeding | pending | Triq P P Saydon | **Council** |
| 395 | 25/11/2024 | Hemm ħajt imminenti se jaqa' ftit 'il fuq mir-Razzett l-Abjad fi Triq Ħal Għargħur | closed | Triq Ħal Għargħur | **Police** |
| 396 | 26/11/2024 | Hemm globu nieqes taz-Zebra Crossing ta' Triq ES Inglott u qed taghmel iktar dawl. Talba biex jerga jsir, id-dawl jigi statiku u l-floodlight tigi thare 'l isfel | pending | Triq ES Inglott | **Mica Med** |
| 397 | 27/11/2024 | Hemm bzonn jitkomplew biż-żabra tas-siġar tal-By Pass | settled | Triq Dun Karm | **GEB landscaping** |
| 398 | 27/11/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu bi 2 fil-by pass ta' Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **Enemalta** |
| 399 | 27/11/2024 | Stopcock cover imkisser 1 Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **WSC** |
| 400 | 27/11/2024 | Ilment li t-toqob fejn kien hemm it-tabelli ta Infrastracture ghadhom vojta fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **Infrastracture Malta** |
| 401 | 27/11/2024 | Leakage ta'b ilma fuq bankina fejn 47 Triq Ġużeppi Calleja | settled | Triq G Calleja | **WSC** |
| 402 | 28/11/2024 | Talba biex jiġu riveduti il-parking lines fi Triq S Erardi faċċata ta' 'Il-Kenn' | pending | Triq S Erardi | **Infrastracture Malta** |
| 403 | 28/11/2024 | Bankina miksura quddiem 16/18 Triq Richard Taylor | pending | Triq Richard Taylor | **Council** |
| 404 | 02/12/2024 | Qattus mejjet quddiem 83 Triqi Ġ Abos | pending | Triq Ġ Abos | **Cleansing** |
| 405 | 02/12/2024 | Talba biex terġa titwaħħal *traffic mirror* fi Triq A M Galea c/w Triq c Busuttil | pending | Triq Ċ Busuttil | **Infrastracture** |
| 406 | 06/12/2024 | Ilment li wara li jfur id-drenaġġ wara xita , il-vetturi jiġu kollha ħmieġ bit-titjir mill-vetturi fi Triq G Abos | Pending | Triq Ġ Abos | **WSC** |

## 7.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

7.5.1 Ma kienx hemm.

## 7.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

7.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

7.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech, u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

## 7.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

7.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

7.7.2 Applikazzjoni PA/08520/24 – Triq il-Bruka L-Iklin 'Proposed alterations and additions to PA 5682/22 consisting of excavation works to create garage at basement level connected to dwelling and to eliminate swimming pole.

7.7.3 Applikazzjoni PA/07827/24 – Triq Karmenu Vassallo L-Iklin 'Excavation and construction of swimming pool same as approved but not implemented in PA 5016/18.

7.7.4 Applikazzjoni PA/07784/24 – Sqaq Ġarda L-Iklin 'To sanction pre-1978 rural rooms and pre-1994 ramp and stairs. Proposal includes also the sanctioning of an extension to the rural rooms, tool shed/garage for agricultural tractor and paving for safety purposes. Sanctioning of extension to pre-1968 ramp to improve site accessibility and safety.

## 7.8 SKEMA FINANZJARJA 2024 – TIŻJIN TAL-MILIED

7.8.1 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill Reġjonali Lvant kien ħareġ skema finanzjarja b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant.

7.8.2 Is-Sindku Dott Sciberras spjega din l-iskema a sodisfazzjon tal-preżenti u qal li dawn l-iskemi huma għajnuna kbira għall-Kunsilli Lokali. Permezz ta' din l-iskema, il-Kunsill jista jibbenifika minn Eur3k fuq spejjeż ta' xiri jew kiri ta' dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2024.

7.8.3 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Bartolo biex il-Kunsill japplika għal din l-iskema.

7.8.4 Il-Kunsill approva *nem con*.

7.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jinforma lill-Kunsill Reġjonali Lvant bid-deċiżjoni.

## 7.9 PROĊESS TAL-VERIFIKA MILL-UDITURI TAL-GVERN GĦAS-SENA 2024

7.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill għandu jaderixxi mal-istruzzjonijiet maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bi preparazzjoni għall-proċess ta' verifika tal-kontijiet tal-Kunsill Lokali għas-sena 2024.

7.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ħa ħsieb jikkuntatja lill-Uditur biex jiftiehem miegħu fuq id-dati tal-fieldwork'. Infatti d-dati għall-proċess ta' verifika ġew ikkonfermati bejn l-24 u t-28 ta' Marzu 2025.

7.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji (unaudited Financial Statements) għandhom jiġu approvati mill-Kunsill Lokali u ffirmati u datati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku flimkien ma' dokumentazzjoni oħra. L-istqarrijiet finanzjarji għandhom jintbagħtu lill-Uditur Ġenerali u lid-Direttur tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

## 7.10 DISKUSSJONI DWAR L-EŻITU TAL-LAQGĦA LI SARET MALL-IKLIN SCOUT GROUP

7.10.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras stieden lill-Kunsillier Mary Grace Gusman biex tirrelata dwar il-laqgħa li kellha flimkien mall-Kunsillier Mario Fenech mal-Iklin Scout Group.

7.10.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman infurmat li kienu ltaqgħu mall-Group Scout Leader u d-diskussjoni kienet dwar il-miri li għandhom Iklin Scout Group, l-akbar waħda r-rinnovazzjoni tal-*headquarters* tagħhom. Mill-istimi li għandhom f'idejhom, jidher li għandhom bżonn mall-Eur100K. Issemmew xi opportunitajiet ta' fondi li wieħed jista japplika għalihom fosthom mill-Aġenzija LESA u skemi oħra li ġew diskussi bħala possibiltajiet biex jitteppjaw il-fondi.

Issemma wkoll ħitan li għandu bżonn jiġi rranġat u għalqa li tinsab adjaċenti mall-headquarters tagħhom jeħtieġ li tiġi mnaddfa minħabba aċċessibilità aħjar. Kien qed jissuġġerixxu li tiġi organizzata attività komunitarja bil-parteċipazzjoni attiva tal-Iscouts bil-ħsieb li jitjieb l-aċċess. L-ideja hi li noħolqu approċċ kollaborattiv u nippromwovu l-involviment tal-komunità.

Rigward il-ko-ordinazzjoni tal-attivitajiet, L-Iklin Scout Group esprimew l-importanza li tintbagħat komunikazzjoni kmieni dwar dati tal-attivitajiet biex ikunu jistgħu jippjanaw u jipparteċipaw min-naħa tagħhom.

Tkellmu wkoll dwar inizjattiva għal tħawwil ta' siġar fejn Iklin Scout Group qed jitolbu l-għajnuna biex il-Kunsill jgħinhom f'din l-inizjattiva.

Tkellmu wkoll dwar il-possibiltà li l-Kunsill jgħin lil Iklin Scout Group biex isibu appoġġ minn kumpanniji lokali fis-settur tal-kostruzzjoni biex jgħinuhom fil-proġett tal-binja ġdida tal-*headquarters*.

Il-Kunsillier Gusman ikkonkludiet li min-naħa tagħha bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Għaqdiet tal-lokal hija kommessa li tkun ta' għajnuna fejn hu possibbli biex tara lill-Għaqdiet mexjin 'il quddiem u jwettqu l-miri tagħhom.

## 7.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

7.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2025 fil-5.30 pm.

7.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2025 fil-5.30 pm.

7.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.00 pm.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv